MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru. 467/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Romeo Galea ta' 49 sena, iben Joseph u Josephine née Vella imwieled Imtarfa, fis-16 ta' Jannar 1960 u li joqghod 56, Sweet Pea, Triq il-Gonna, Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita numru 108660M**

**Rita Galea ta' 47 sena, bint Saviour Axiak u Josephine née Mizzi imwielda Victoria, Gozo, fl-14 ta' Ottubru 1961 u li toqghod 56, Sweet Pea, Triq il-Gonna, Zurrieq, detentrici tal-karta tal-identita numru 45961G**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija Romeo Galea u Rita Galea li gew akkuzati:

1. li bhalha klijenti li ghalihom qieghed isir xoghol fis-sit tal-kostruzzjoni li jinsab fi Triq Karmni Grima, Gharb – Ghawdex nhar it-12 ta' Mejju, 2009, fid-9.00a.m. u/jew fil-granet ta' qabel naqsu milli jahtru supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju tal-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 3 (1) ta' A.L. 281/2004.

2. ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu illi jikkomunikaw avviz bil-quddiem lill-Awtorita' ta' l-anqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Galadarba jibda xi attivita ta' xoghol fuq il-progett, kopja ta' l-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b'mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggornata perjodikament u dan ai termini ta' l-artikolu 4 (1) ta' A.L. 281/04.

3. ukoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli jzommu files dwar sahha u sigurta u kull informazzjoni ohra relevanti dwar is-sahha u s-sigurta, u jqieghduhom ghad-disposizzjoni ta' kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jinhtieg l-informazzjoni mill-file biex ihares kull obligazzjoni li tohrog mil-ligi u dan ai termini ta' l-artikolu 3 (2) ta' A.L. 281/2004.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi l-imputata Rita Galea giet moghtija b'titolu ta' donazzjoni bicca art gewwa l-Gharb Ghawdex mill-genituri taghha. Fuq dina l-art sar xoghol ta' kostruzzjoni ta' proprjeta b'erba' sulari. Illi l-imputati qed jigu akkuzati illi naqsu milli jahtru supervisor ghal dan il-progett ta' disinn u kostruzzjoni, kif ukoll illi naqsu milli jaghtu avviz skond il-ligi lill-Awtorita' dwar il-bidu tax-xoghol fuq dana l-progett. Inoltre huma akkuzati wkoll illi

naqsu milli jzommu l-files relattivi dwar sahha u sigurta u li jqieghdu dawna l-files ghad-disposizzjoni ta’ kull min irid jispezzjona l-istess. Dana kollu bi ksur tar-regolamenti 3 u 4 ta’l-Avviz Legali 281 tal-2004.

Illi l-ewwel linja difenzjonali mressqa mill-imputati hija fis-sens illi l-proprjeta tal-art li fuqha sar dana l-progett huwa tal-imputata Rita Galea u  dana kif jixhed id-Dokument B esebit fl-atti li huwa l-kuntratt tad-donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. Paul George Pisani tat-30 ta’ Dicembru 1997. Illi l-prosekuzzjoni targumenta illi dan ma jfissirx illi l-imputat l-iehor ghandu jigi ezentat minn kull responsabbilta’ peress illi l-ligi fir-regolament 2 tieghu titfa dina r-responsabbilta fuq il-“klijent” u cioe’ il-persuna li ghalih jitwettaq ix-xoghol u mhux necessarjament fuq is-sid tal-progett.

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-imputat Romeo Galea jidher illi kien jiehu hsieb l-andament tax-xoghol u dana kif jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu kif ukoll mid-Dokument RG esebit minnu, madanakollu ma tirrizulta l-ebda prova kuntrarja ghal dak li tikkontendi d-difiza illi l-imputat ma kienx il-klijent veru u proprju ta’ dana l-progett. Il-fatt wahdu illi l-imputat kien jaghti daqqa t’id lil martu, kif kien fuq kollox fid-dover tieghu illi jaghmel fit-tmexxija ’l quddiem ta’ dana l-progett ma jfissirx necessarjament illi huwa kien il-klijent jew li kien il-persuna li ghalih kien qieghed jitwettaq ix-xoghol. Fuq kollox il-presunzjoni legali hija wahda u cioe’ illi min hu sid l-art huwa sid ta’ dak kollu li jinsab kemm fuq kif ukoll taht dik l-art. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana l-kaz il-Qorti qieghda tilqa dina l-linja difenzjonali u sejra tillibera lill-imputat Romeo Galea minn kull akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-akkuzi fil-konfront ta’ Rita Galea, jigi rilevat illi l-imputata Rita Galea ma xehditx f’dawn il-proceduri. Illi r-regolament 12 tal-Avviz Legali 281 tal-2004 jitfa l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat. Illi bir-rispett kollu l-akkuzata ma rnexxiliex tressaq provi fil-grad rikjest mill-ligi sabiex tezimi ruhha mir-responsabbilta taghha ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha. Illi l-uniku

xhud imressaq mid-difiza huwa l-imputat Romeo Galea li jghid illi kien gie nkarigat il-perit Edward Xerri sabiex jiehu hsieb dana l-progett. Dana l-Perit madanakollu qatt ma ngieb mid-difiza biex jixhed u jispjega ezattament x’kien gie nkarigat illi jaghmel. Kwindi l-ewwel akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi dwar it-tieni akkuza ghalkemm jidher illi d-difiza ma hijiex qed tikkontesta l-fatt illi l-avviz rikjest mill-ligi ma sarx madanakollu tikkontendi illi ma gewx ippruvati r-rekwiziti indikati fir-regolament 4(1) u cioe’ illi n-numru ta’ haddiema kien ta’ ghoxrin jew iktar jew inkella illi x-xoghol dam ghaddej ghal iktar minn hames mitt jum. Illi mill-pitazz esebit bhala Dokument RG jirrizulta illi x-xoghol ta’ thammil beda f’Ottubru 2006. Minn dana l-pitazz jew djarju jirrizulta wkoll f’Marzu 2009 sar is-saqaf u ghalhekk ix-xoghol  ta’ kostruzzjoni kien ghadu ghaddej. Ghalhekk il-hames mitt gurnata ta’ xoghol zgur illi nqabzu u ghalhekk it-tieni akkuza hija ippruvata billi l-avviz mitlub f’dina d-disposizzjoni tal-ligi indubbjament ma sarx.

Illi finalment l-imputata tinsab akkuzata illi ma hejjietx il-files dwar is-sahha u s-sigurta u cioe’ l-hekk imsejha “health and safety files”. Illi d-difiza tikkontendi illi l-ligi ma tispecifikax kif ghandu jsir dana l-file u ghalhekk il-pitazz esebit bhala Dokument RG jista’ jikkostitwixxi dana l-file. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur tal-imputata bl-ebda sforz tal-imaginazzjoni dana l-pitazz ma jista’ jitqies illi jikkostitwixxi xi *health and  safety file* kif rikjest fir-regolament 4 tal-Avviz Legali u jixbah iktar djarju dwar dak li kien qieghed isehh pass pass matul l-andament tax-xoghol.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 3(1), 3(2) u 4(1) tal-Avviz Legali 281 tal-2004 u l-artikolu 38(3) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li tillibera lill-imputat Romeo Galea mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu issib lill-imputata Rita Galea hatja ta’dawn it-tlett akkuzi u tikkundannaha multa ta’ seba mitt ewro (€700).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------